MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 91/2011

J.P. Baldacchino & Co Limited, C 2832 bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Estera Saint-Gobain Glass Egypt, b'ufficcju registrat f'66, Cornish El Nile, Elzahraa Building, Floor 38, Maadi, Cairo, Egypt

Vs

Xuereb Glass Limited C-23471

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat mis-socjeta attrici prezentat fid-9 ta' Novembru, 2011 fejn ippremettiet

1. Illi s-socjeta' estera bieghet u fornitet (recte:forniet) lis-socjeta' konvenuta merkanzija u oggetti versu l-import tal-bilanc ta' tmintax-il elf tmien mija u erbgha u disghin euro u seba' centezmi (€18.894.07) u dan skont il-fatturi esebiti Dok A;

2. Illi minkejja interpellat anke b'ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 2011 l-intimata, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

3. Illi peress illi dan huwa debitu kummercjali, l-imghax ighaddi "ipso jure" mid-data tal-fattura;

4. Illi fil-fehma ta' l-esponenti, il-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk isibu applikazzjoni l-artikoli 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili et seq bil-procedura sommarja specjali.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni joghgobha:

1. tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba minnufih u bid-dispensa tas-smigh;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' fuq premessa l-ammont ta' tmintax-il elf tmien mija u erbgha u disghin euro u seba' centezmi (€18,894.07);

3. tikkundanna lis-socjeta' konveuta thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' fuq premessa l-imghax kummercjali bl-oghla rata premessa mil-Ligi inkluzi l-artikoli 26A to 26E tal-Kodici tal-Kummerc mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkluzi dawk tas-sitt mandati kawtelatorji, cioe' dawk ipprezentati fil-25 ta' Ottubru 2011, u dawk prezentati kontestwalment ma' din il-procedura, kontra s-socjeta' konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011 fin-12.30p.m.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, bl-avviz tas-smigh u bid-digriet.

Rat li permezz tar-rikors tas-6 ta' Dicembru, 2011 is-socjeta' attrici talbet differiment peress li l-partijiet kienu qed jinnegozjaw il-possibilita' ta' transazzjoni.

Rat li fis-7 ta' Dicembru, 2011 il-kawza giet differita ghas-seduta tat-28 ta' Frar, 2012.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta prezentata llum 28 ta' Frar, 2012 permezz ta' liema ammettiet il-kawza.

Rat l-atti kollha.

Illi ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk :

a. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' fuq premessa l-ammont ta' tmintax-il elf tmien mija u erbgha u disghin Euro u seba' centezmi (€18,894.07);

b. tikkundanna lis-socjeta' konveuta thallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' fuq premessa l-imghax kummercjali bl-oghla rata permessa mil-Ligi inkluzi l-artikoli 26A to 26E tal-Kodici tal-Kummerc mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji inkluzi dawk tas-sitt mandati kawtelatorji, cioe' dawk ipprezentati fil-25 ta' Ottubru 2011, u dawk prezentati kontestwalment ma' din il-procedura, kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------